# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha 12 ta’ Jannar 2001**

**Numru 2**
**Avviz numru 1793/98 SM**

**Carmel Vassallo**

**vs**

**Andrew Portelli**

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

Fis-16 ta’ Gunju 2000, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza f’kawza li fiha l-attur kien qed jirreklama minghand il-konvenut danni subiti bhala konsegwenza tal-incident stradali.

**“Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-23 ta’ Settembru ta’ l-1998 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-Qorti biex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat u dikjarat:**

**1. Unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta’ l-**

incident awtomobilistiku li sehh fl-4 ta' Gunju ta' l-1998 fi Triq l-Imriehel, Birkirkara;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' mitejn, tlieta u erbghin Lira Maltin u hamsin centezmu, (LM243.50,0), jew somma ohra verjuri okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien ma l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali datata t-12 ta' Awissu ta' l-1998;

4. Bl-ispejjez u bl-imghax legali komprizi dawk ta' zewg ittri bonarji datati 17 u 31 ta' Lulju ta' l-1998, u ittra ufficjali datata t-12 t'Awissu ta' l-1998, flimkien ma ittra ufficjali presentata kontestwalment lis-socjeta' assikuratrici;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-27 t'Ottubru ta' l-1998 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi dak li talab l-attur ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra tieghu ghax ghall-incident stradali de quo kienet tahti d-driver tal-vettura numru AAR - 595;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;

3. B'riserva tad-dritt tal-konvenut ghar-risarciment tad-danni tieghu;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi l-incident de quo sehh ghall-habta tas-2.30 p.m. fl-4 ta' Gunju ta' l-1998 fi Triq l-Imriehel, Birkirkara bejn vettura tal-marka Morris Marina

**bin-numru ta' registrazzjoni LAL - 262 misjuqa minn Andrew Portelli u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAR - 595 misjuqa minn Natasha Galea;**

**2. Illi Galea issostni l kienet qed issuq fid-direzzjoni tar-Rabat, mixja bil-mod wara vetturi ohra;**

**3. Illi meta l-istess Galea wasslet biex iddur lejn il-lemin taghha u kienet wasslet mas- "central strip" li hemm u bl- "indicator" mixghul, semghet hoss kbir, semghet ukoll "brake" kbir u issostni li l-konvenut baqa' diehel go fiha;**

**4. Illi issostni wkoll li l-indicator kienet ilha li xeghelithu u kienet qed tistenna biex iddur lejn il-lemin wara traffiku iehor li kien qed idur fl-istess direzzjoni;**

**5. Illi l-hsarat sofferti mill-vettura misjuqa minn Galea jammontaw globalment ghall-ammont mitlub fl-avviz li ta lok ghal din il-procedura;**

**6. Illi l-konvenut jikkonferma li kien miexi hdejn il-vettura l-ohra involuta fl-incident;**

**7. Illi l-konvenut u l-passiggier li kellhu mieghu fil-hin tal-incident isostnu li Galea ma uzatx l-"indicator" qabel ma ghamlet il-manuvra biex iddur lejn il-lemin;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-versjonijiet esposti quddiem din il-Qorti ugwalment jimmeritaw li jigu emnuti minnha;**

**Illi ghalhekk din il-Qorti trid ta' bilfors taghmel affidament ma l-uniku haga oggettiva f'dawn l-atti, cioe' l-iskizz;**

**Illi dan l-iskizz li jidher a fol 24 tal-process juri li l-konvenut kien aktar lura mill-vettura proprjeta' ta' l-attur u misjuqa minn Galea;**

**Illi ghalhekk huwa l-konvenut li kellu l-ahjar vizwali u konsegwentement l-oneru li jkun prudenti u jghati d-dritta lill-vetturi li gia' lahqu qablu;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghaldaqstant din il-Qorti taqta' u tiddeciedi li tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement :**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Andrew Portelli unikament responsabbli ghall-incident in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' mitejn u tlieta u erbghin Lira Maltin u hamsin centezmu, (LM243.50,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Andrew Portelli jhallas l-ammont imsemmi fil-paragrafu precedenti lill-attur, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mitluba."**

## KONSIDERAZZJONI TA' DIN IL-QORTI

Il-konvenut appella minn din is-sentenza u jkompli jsostni illi hu ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall incident meritu tal-kawza. Jippremetti ghall-aggravju tieghu illi hu kien qed isuq il-karozza Morris Marina numru LAL 262 matul Triq l-Imriehel fil-limiti ta' Birkirkara fid-direzzjoni ta' H'Attard. Kien qed isuq razenti s-central strip. Natasha Galea li kienet qed issuq il-karozza AAR 595, proprjeta' tal-attur, fuq ix-xellug tal-Marina u allura fil-lane li tmiss mal-bankina. Kien hemm gap fis-centre strip u meta Galea qorbot lejha hi kisret ghall-quddiem l-appellant u f'dak il-hin sar l-iskontru.

L-apppellant jissottometti li fl-apprezzament tal-provi l-Ewwel Qorti kienet impustat il-meritu b'mod ghal kollox eroneju. Hi kienet irriteniet illi l-verzjonijiet esposti quddiemha kienu ugwalment jimmeritaw li jigu emmnuti minnha. Konsegwentament dik il-Qorti kellha bilfors taghmel affidament mal-uniku haga oggettiva fl-atti u cioe' l-iskizz. Sa hawn ir-ragunament ta' l-Ewwel Qorti kien korrett u konsoni mas-sottomissjoni tal-appellant.

L-Ewwel Qorti ziedet tikkunsidra illi l-iskizz kien juri li l-konvenut kien naqra lura mill-vettura proprjeta' tal-attur misjuqa minn Galea. Konsegwentament kien il-konvenut li kellu l-ahjar vizwali u allura kellu l-oneru li jkun prudenti u jaghti d-dritta lill-vetturi li kienu gja lahqu qablu. L-appellant oggezzjona ghal dawn il-konsiderazzjonijiet u dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, gustament. L-iskizz, ghall-kuntrarju ta' dak li rriteniet l-Ewwel Qorti, juri l-mod l-aktar manifest din ir-responsabilita' ghas-sinistru kellha tigi kollha kemm hi addebitata lis-sewwieq tal-vettura proprjeta' tal-attur. Bizzejjed jigu accenati s-segwenti cirkostanzi ta' fatt:-

(a) Il-vettura tal-konvenut kienet qed tigi misjuqa razenti s-center strip direzzjoni ghad-dritt u parrallela maghha. Mhux biss il-posizzjoni tal-vettura kif spiccat wara l-incident imma wkoll u aktar il-break marks ghad-dritt li halliet warajha l-karozza tal-konvenut jindikaw bla ebda dubju illi dik il-vettura kienet qed tigi misjuqa regolarment fuq is-side

taghha bla ebda hjiel li kellha xi ntenzjoni li ddur lejn il-lemin taghha, biex tghaddi minn gol-gap fis-central strip li kienet waslet biex tilhaq.

(b) Il-fatt li l-vettura tal-konvenut halliet warajha break marks qosra fid-dritt xemgha, hu prova inkonfutabbli illi l-konvenut gie sorpriz fil-manuvra li ghamlet il-vettura proprjeta' tal-attur meta din daret lejn il-lemin taghha u giet quddiemu.

(c) Il-posizzjoni tal-vettura tal-attur kif spiccat wara l-impatt turi b'mod inkonfutabbli illi din kienet f'xi zmien qed tigi misjuqa fuq ix-xellug tal-vettura tal-konvenut u, meta waslet fil-vicinanzi tal-fetha li kien hemm fis-central strip, ghamlet il-manuvra biex iddur lejn il-lemin taghha halli tghaddi minn go fiha.  Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju illi kienet il-vettura proprjeta' tal-attur illi nvadiet it-trajettorja tal-karozza misjuqa mill-konvenut u li fil-kors ta' tali manuvra hi ssorprendiet lill-appellant.

(d) Kuntrarjament ghal dak li rriteniet l-Ewwel Qorti, din il-Qorti hi sodisfatta illi kienet tinkombi fuq is-sewwieq tal-vettura tal-attur b'kawtela massima biex ma jfixkilx proprju t-traffiku gej minn warajh. Una volta Galea ghazlet illi tittanta din il-manuvra minn fuq il-lane tan-naha tal-bankina hi kellha l-obbligu li taccerta ruhha illi setghet tibda tkompli u ttemm il-manuvra li riedet taghmel minghajr ma tfixkel dak it-traffiku.  Dan ghal raguni semplici li kienet hi li kienet qed tinvadi dik il-parti tat-triq riservata ghall-vetturi misjuqa fuq in-naha tas-centre strip.

Il-prudenza fis-sewqan kellha infatti tissuggerixxi lid-driver tal-vettura tal-attur li ovvjament xtaqet illi tikser fuq il-lemin taghha biex tkun tista' tghaddi fil-fetha bejn is-central strip u tmur fuq il-karreggjata opposta, billi minn zmien qabel ma tilhaq dik il-fetha tiehu posizzjoni fil-lane ta' barra u cioe' fil-lane vicin mas-centre strip.

(e) Kien hemm kollox inutli li l-attur ipproduca l-prova illi Galea kienet bdiet taghti sinjal bl-indicator tal-intenzjoni taghha li taghmel il-manuvra li effettivament bdiet taghmel. Kollox jindika li jekk dan hu minnu tali avviz ma nghatax tempestivament tant li l-iskizz juri mod mill-aktar car illi hi ssorprendiet il-konvenut bil-manuvra taghha. F'kull kaz hi certament ma kellhiex id-dritt li tibda tali manuvra perikoluza qabel ma tkun accertat ruhha kompletament li t-traffiku gej minn warajha u li tieghu kienet ser tinvadi l-passagg kien ghadu tant 'il boghod li kien iggarantilha li setghet tkompli u ttemm il-manuvra taghha bla riskju.

(f) Il-posizzjoni tad-daqqiet fiz-zewg vetturi kif jirrizultaw indikati fl-iskizz jaghtu wkoll kredibilita' lill-verzjoni tal-konvenut li mhux biss tirrizulta ferm aktar kredibbli u attendibbli minn dik tas-sewwieq tal-vettura tal-attur imma hi wkoll kompletament issufragata min rizultanzi fattwali li rrizultaw b'certezza minn skizz preparat mill-ufficjal li nvestiga l-incident u li jidher li hu wiehed preciz u skalat.

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti allura r-responsabilita' shiha tal-incident kellha tkun akkollata fuq id-driver tal-vettura tal-attur li naqset li zzomm *a-proper look out* fil-mument meta b'imprudenza ttantat taghmel manuvra perikoluza ghat-traffiku li kien gej minn warajha fil-lane fuq il-lemin taghha. Manuvra inkonsulta li certament ikkrejat emergenza subitanja lill-konvenut li habta u sabta sab il-vettura tal-attur tinblukkalu triqtu. M'hemmx ghalfejn jinghad li din il-Qorti tar-revizjoni ssegwi l-gurisprudenza kostanti illi ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmula mill-Ewwel Qorti biex tasal ghad-decizjoni taghha. L-uniku eccezzjoni ghal din ir-regola hija fejn din il-Qorti tkun sodisfatta li altrimenti tkun ser tigi krejata ingustizzja manifesta. Dan hu proprju wiehed minn dawn il-kazijiet. L-appell jirrizulta ghalhekk sostnut.

Ghal dawn il-motivi s-sentenza appellata qed tigi revokata bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-attur appellat.

Dep/Reg

mg